MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 241/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Mario Mifsud**

**Illum 22 ta' Frar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Dicembru, 2007 u fi tlett xhur ta' qabel f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom billi kellu fil-pussess tieghu tank ta' Tremite Solvent Alcohol, liema haga kienet gejja minn serq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Gunju, 2009, li biha,

peress li l-akkuza kif dedotta ma rrizultatx pruvata fil-konfronti tal-appellat, illiberat lill-appellat mill-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ssib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellat kien ben konsapevoli tal-fatt illi dawn il-prodotti kienu derivati mis-serq. Illi l-appellat fl-istqarrija tieghu ffirmata jghid li jidispjacih talli xtara tank misruq (folio 18 ta’ l-atti processwali) u li xtara t-tank misruq mit-triq sabiex jifranka l-flus. Illi ghalhekk l-akkuza giet *ipso facto* ammessa fl-istqarrija u l-Ewwel Qorti kellha ssib htija.
Illi in vista ta’ dawn il-punti kif hawn dedotti u pprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irrid issiru fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell, bid-dovut rispett l-esponent ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed a bazi ta’ liema ssib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih peress illi ma kienx jissussisti n-nuqqas tal-principju fondamentali tad-dubbju raggjonevoli.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Mario Mifsud huwa mastrudaxxa li jahdem fil-fabrika bl-isem MM Woodworks li qieghed f’San Anard, Ix-Xaghra, ilu hmistax il-sena f’dan ix-xoghol.

Ghall-habta t’Ottubru 2007 l-appellat xtara tank thinner tad-ditta “Trimite” mill-idejn u hallas ghalih sitt liri. Skond l-appellat il-bejjiegh kien Malti, ismar, naqra twil u kelu madwar erbghin sena. Ghall-bidu ta’ Dicembru 2007 il-mara tal-appellat Bridget marret ghand id-ditta Coleiro biex tpartat it-tank ma iehor. Meta rraprezentanti tad-ditta raw dak it-tank indunaw mall-ewwel illi kien wiehed minn partita illi kien insteraq mill-mahzen taghhom f’San Gwann u ghamlu rapport lill-Pulizija. Ghalhekk il-Pulizija arrestaw lill-appellat u lill-martu u fit-8 ta’ Dicembru, 2007 l-appellat irrilaxxa stqarrija illi qeghda a fol. 16 sa 18 tal-process. F’din l-istqarrija l-appellat innega illi kien jaf li t-tank kien misruq ghad li kien jaf illi l-vera valur tieghu kien hmistax il-lira u li xtrah bil-prezz ta’ sitt liri biex jiffranka.

Il-Pulizija resqu lill-appellat il-Qorti u d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta’ Gunju, 2009 l-appellat gie lliberat mill-akkuza peress illi skond il-Qorti tal-Magistrati l-akkuza ma rrizultatx ippruvata.

L-Avukat Generali deherlu illi dan ma kienx il-kaz u intavola dan l-appell fejn talab it-thassir u r-revoka tas-sentenza w decizjoni mill-gdid fuq il-meritu.

Ikkunsidrat :

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-Avukat Generali qal illi mill-provi li rrizultaw mill-atti, l-elementi formali tar-reat gew sodisfacentement ippruvati aktar u aktar dak tax-xjenza w cioe’ illi l-appellat kien jaf illi tank tat-thinner “Trimite” illi xtara minn fuq l-idejn kellu provenjenza illecita’. Dana il-ghaliex il-prezz illi bih xtrah, dak ta’ sitt liri, huwa ferm anqas minn dak li normalment jinbiegh minn hanut u cioe’ hmistax il-lira. Dana jindika illi c-cirkostanzi kienu tali illi l-appellat missu ragjonevolment induna illi l-provenjenza tat-tank kien wiehed illecitu’.

Minn naha l-ohra d-difiza qalet illi l-appellat kien klijent regolari tad-ditta Coleiro u kienet il-mara tal-appellat stess illi marret ghand Coleiro sabiex tbiddel it-tank. Kieku kienu jafu li kelhom xi provenjenza illecita’ zgur li ma kienux ser jaghmlu hekk, u wara kollox id-differenza fil-

prezz ma kienitx daqshekk kbira sabiex wiehed jissuspetta w jiggustifika l-argument tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tal-provi, l-Qorti jidrilha illi l-argument tal-Avukat Generali jaghmel aktar sens u l-Qorti thoss li l-elementi formali tar-reat gew debitament ippruvati.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim tal-kompjant Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn fit-trattazzjoni dwar l-elementi tar-ricettazzjoni jghid:-
***"three conditions are essential i.e.***
***a) that previously, there has been the commission of an offence against property;***
***b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and***
***c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods."***

Rigward dawn l-elementi l-Qorti tinnota illi gie sodisfacentement ippruvat illi t-tank thinner kien misruq minn mahzen tad-ditta Coleiro. Dan il-mahzen kien suggett ghall-hruq ftit xhur qabel u ghad li kien hemm bieb maghluq b'katnazz, dan infetah u kwantita' ta' merkanzija fosthom tankijiet tat-thinner illi kien hemm mahzun f'dan il-post gew misruqa. Id-ditta Coleiro ghamlet rapport lill-Pulizija li huwa esebit f'dawn l-atti.

It-tieni element u cioe' illi l-akkuzat xtara jew b'xi mod iddispona mill-merkanzija misruqa, rrizulta ili m'hemmx dubju. L-akkuzat xtar dan it-tank thinner mill-idejn minn persuna li ma identifikax u xtrah bil-prezz ta' sitt liri.

Fl-istqarrija tieghu l-appellat ammetta mal-Ispettur illi xtara t-tank.

Rigward it-tielet element u cioe' x-xjenza d-difiza ppruvat turi illi dan ma jissustix billi argumentat illi mart l-appellat

ma kienitx sejra tmur ghand id-ditta Coleiro b'dan it-tank kieku kienet taf illi t-tank kien misruq.

Dan l-argument seta' japplika ghall-mart l-appellat izda mhux ghall-appellat stess.

Ma kienx l-appellat illi baghat lill-martu ghand id-ditta Coleiro b'dan it-tank. L-appellat ma kien jaf b'xejn b'dan.

Mistoqsi mill-Ispettur min qal lil mara biex tmur tbiddel it-tank, l-appellat wiegeb "nahseb l-isprayer qalilha. Jien ma kontx hemm dak inhar."

Ghalhekk fil-konfront tal-appellat l-argument tad-difiza ma jissustix.

L-argument iehor huwa illi ma hemmx daqshekk differenza mill-prezz.

Il-Qorti jidhrilha illi differenza kien hemm. Il-prezz normali ta' dak it-tank kien ta' hmistax il-lira, mentri l-appellat xtrah bil-prezz ta' sitt liri w ma kienx jaf il-persuna illi giet tbieghlu. Skond l-appellat xtara t-tank sabiex jiffranka l-flus.

Il-Qorti ssib illi f'dawn ic-cirkostanzi l-appellat kellu quddiemu sitwazzjoni cara bizzejjed sabiex jinduna bil-provenjenza llecita' tal-oggett, izda ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza w qabad u xtara l-oggett u b'hekk iddispona minnu.

Gie ritenut mill-gurisprudenza taghna illi "min jakkwista oggett f'cirkostanzi illi fihom imissu jissuspetta illi dak l-oggett kellu provenjenza llegittima, w intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, w hati ta' ricettazzjoni (kollez. Vol. XLV part 4 page 1032).

Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellat kellu f'idejh oggett f'cirkostanzi illi messu ssuspetta illi kellu provenjenza llecita'. Xtara oggett mill-idejn minn ghand persuna li ma jafhiex jew almenu illi ma ddentifikahiex mal-Pulizija bi prezz ferm baxx minn dak normali w l-appellat qabad u

xtara l-oggett bla ma ghamel verifika jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta’ dak it-tank.

F’dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozita’ tal-provenjenza w ix-xjenza hija sodisfacentement ippruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tiddikjara l-appellat hati tal-akkuza kif dedotta fil-bidu ta’ dan il-gudikat u tikkundannah ghall-piena ta’ hames xhur prigunerija, b’dana illi wara li l-Qorti nnotat illi dana hu l-ewwel reat serju tal-appellat jidhrilha bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 ghandha tordna li dan it-terminu ghandu jkun sospiz ghal zmien sentejn mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------